17 ta' Mejju, 1954.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Lorenzo Sciberras** *versus* **Lorenzo Muscat**

**Appalt — War Damage Commission — Cessjoni — Mandat — Art. 1959 (2) tal-Kodiċi Civili.**

*Meta hemm ftehim fis-sens li wahda mill-partijiet ghandha taghmel opra fissa u determinata lill-parti l-ohra bi prezz fiss u invarjabbli, hemm il-konkors taż-żewġ elementi li huma indispensabbli ghall-figura ta' l-appalt.*

*Il-partijiet jistghu jxolju dan il-ftehim, anki taċitament; u allura l-appaltatur ghandu dritt jithallas tax-xoghol li jkun lahaq ghamel, u skond il-ftehim li kien hemm, jiġifieri proporzjonalment ghall-prezz miftiehem ghall-appalt kollu.*

*L-awtorizzazzjoni lill-appaltatur biex jirtira direttament mill-War Damage Commission il-flus stabbiliti minn dik il-Kummissjoni bhala kumpens ghax-xoghol ta' rikostruzzjoni ma timportax ċessjoni ta' krediti jew drittijiet, imma sempliċi mandat, u ghalhekk ma hix nulla billi ma tkunx saret bil-miktub; ghax il-man-*

*dat jista' jiġi mogħti anki verbalment, u anki taċitament.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha, billi l-konvenut, bi skrittura privata ta' l-20 ta' Novembru 1949, li kopja tagħha ġiet annessa maċ-ċitazzjoni (dok. A), inkarika lill-instanti biex isewwi l-ħsara tal-gwerra li kien hemm fil-lok ta' djar numru 151 Triq Irjali, Sannat, Għawdex, skond ix-"schedule of works" li kellha tkun approvata mill-War Damage Commission wara l-claim nru. 52604/3661/47, u dana bil-prezz fissat tal-Gvern, u awtorizza lill-instanti jitħallas tax-xogħol li jkun għamel direttament minn għand il-War Damage Commission; u billi l-instanti għamel xogħol fil-post fuq imsemmi tal-valur ta' £1236. 2. 0, esklużi £10 bilanċ tad-dritt tal-perit Giuseppe Refalo, u tħallas minn għand il-War Damage Commission l-ammont ta' £1016 0. 0; u billi l-konvenut irtira l-awtorizzazzjoni li kien ta lill-attur biex jkun jista' jitħallas direttament minn għand il-War Damage Commission, kif ġie infurmat l-instanti per mezz ta' ittra tal-21 ta' Novembru 1952 (dok. B); premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li, previja, okkorrendo, innomina ta' perit arkitett biex jistma x-xogħol magħmul mill-attur fit-termini ta' l-iskrittura privata fuq imsemmija, il-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £210. 2. 0, bilanċ tal-ħlas tax-xogħol li hu għamillu fil-post 151 Triq Irjali, Sannat; bl-imgħax legali mid-data ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru 1952 sal-ħlas effettiv; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-istess ittra uffiċjali;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1953, li biha ġie dikjarat illi l-prezz tax-xogħlijiet magħmula mill-attur fuq il-parti esterna tal-fond in kwistjoni għandu jiġi kalkulat fuq il-bażi u in proporzjon għall-prezz komplessiv ta' £954. 10. 5 konvenut bejn il-partijiet għax-xogħol kollu kompjut skond il-pjanta dok. R, eskluża l-kostruzzjoni tat-taraġ, li għandu jiġi kalkulat apparti bil-prezzijiet korrenti, u ġie nominat, għas-spejjeż provviżorjament ta' l-attur, il-Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Albert Vassallo,

biex, wara li jeżamina x-xogħlijiet magħmula mill-attur fil-parti esterna tal-fond, jillikwida l-prezz relativ fuq il-bażi u proporzjonalment għall-prezz komplessiv fuq imsemmi, mif-tiħem bejn il-partijiet għar-rikostruzzjoni komplita ta' l-istess fond skond il-pjanta dok. R, u biex jistma l-prezz tat-tarag skond il-prezzijiet korrenti. L-ispejjeż baqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rriżulta illi l-konvenut kien inkariga lill-attur biex isewwilu l-post tiegħu f'Sannat, numru 151 Triq Irjali, li kien bi ħsara tal-gwerra, u wara li l-attur mar jarah ftehmu, u għamlu l-iskrittura ta' l-20 ta' Novembru 1949;

Skond din l-iskrittura, l-attur obliga ruħu li jagħmel ix-xogħol kollu li jkun meħtieġ għat-tiswija tal-ħsara tal-gwerra fil-post imsemmi tal-konvenut, taħt id-direzzjoni tal-Perit Giuseppe Refalo, u skond ix-"schedule of works" li tiġi approvata mill-War Damage Commission wara l-claim nru. 52604/3661/47. Ix-xogħlijiet kellhom jiġu magħmula bil-prezz fissat mit-tariffa tal-Gvern. Fl-istess skrittura l-konvenut awtorizza lill-attur sabiex tax-xogħol li jkun għamel ikun jista' jitħallas direttament mill-War Damage Commission, u jħalli riċevuta;

L-attur beda x-xogħol fil-post in kwistjoni. Dana x-xogħol ġie magħmul f'żewġ stadji. L-ewwel stadju jirrigwarda t-tiswija li kellha ssir fil-parti interna tal-fond, li għaliha l-War Damage Commission kienet awtorizzat l-ammonti segwenti, u ċjoè £132 fil-11 ta' April 1950, u £144 fl-20 ta' Ottubru 1950. F'dawn l-ammonti hemm inkluż ammont żgħir għar-riparazzjoni tal-faċċata fuq il-bieb fil-parti ta' barra tal-fond u xi erbgħa xoroq fl-istess parti esterna. Fuq ix-xogħolijiet ta' riparazzjoni tal-parti interna tal-fond il-partijiet ma għandhom ebda kwistjoni. Infatti, fil-bidu dawk ix-xogħolijiet biss kellhom isiru, u fil-fatt ġew eżegwiti, u l-attur tħallas regolarment tagħhom skond l-iskrittura ġa msemmija. Il-kwis-

ijoni li qaniet bejn il-partijiet tirrigwarda x-xogholijiet li saru fit-tieni stadju, u ċjoè fil-parti esterna ossija il-ambjenti ta' barra tal-fond;

Meta l-attur spicca x-xogholijiet fuq il-parti interna tal-fond u ġie biex jagħmel dawk il-ftit riparazzjonijiet fuq il-faċċata u fix-xoroq tal-parti esterna tal-fond, billi f'din il-parti esterna dderlu li kien hemm ħsarat oħra li l-konvenut ma kienx irreklama mill-War Damage Commission, għax ma kienx daħħalhom fix-"schedule of works", li sa allura kienu ġew approvati, informa lill-konvenut bihom. Dan allura reġa għamel "schedule of works" addizzjonali. L-attur sadattant issospenda x-xogħol; u fit-18 ta' Jannar 1952 l-attur ġie nfurmat uffiċjalment mis-Segretarju tal-War Damage Commission illi għall-ħsarat fuq il-parti ta' barra l-War Damage Commission kienet awtorizzat is-somma ta' £954. Il-konvenut dik il-parti ta' barra ried jalteraha strutturalment u jibniha fuq pjanta ġdida, li ġiet sottomessa wkoll lill-War Damage Commission flimkien ma' dik ix-"schedule of works" addizzjonali;

Il-kwistjoni preżenti bejn il-partijiet tirrigwarda appuntu x-xogħlijiet li kellhom isiru f'din il-parti ta' barra tal-fond. Mentri l-attur jippretendi illi x-xogħlijiet f'din il-parti ta' barra kellu jagħmilhom, u jiġu mħallsa u regolati, skond l-iskrittura li kellhom bejniethom, u li ġa ssemmiet, il-konvenut jgħid illi għal dawn ix-xogħolijiet kien sar ftehim verbali separat u totalment differenti minn dak imsemmi fl-iskrittura privata, fis-sens illi l-attur kellu jibnilu l-parti ta' barra tal-fond fuq il-pjanta l-ġdida u jagħtih il-post bil-lest minn kollox bil-flus li kienet ħarġet il-War Damage Commission għal dik il-parti, ċjoè £954 ;

Il-konvenut, biex jipprova dan, oltre d-depożizzjoni tiegħu, ġieb ix-xhieda ta' martu.............. ;

L-attur, mill-banda l-oħra, qal illi, sakemm ġew il-flus mill-War Damage Commission, ċjoè d-£954, hu waqaf mix-xogħol, u meta waslu l-karti, il-konvenut qallu illi ried jibni l-parti ta' barra fuq pjanta ġdida, iżda ftehim ieħor mal-konvenut ma sarx;

Iżda d-depożizzjoni ta' l-attur ma tantx tidher attendi-

bili. Infatti, ma tantx hu verosimili, u lanqas hu preżumibili, li, non ostante li l-konvenut ried jibdel u jaltera strutturalment il-pjanta ta' barra tal-fond u jagħmlu fuq pjanta ġdida, ma jsir ebda ftehim ieħor; u dana speċjalment meta jiġi kunsidrat il-fatt illi l-attur, kif hu stess qal fix-xhieda tiegħu, kien jaf illi bid-£954 ma kienx sejjer ilesti x-xogħol kollu, u li skond il-pjanta l-ġdida l-konvenut kabbar bil-bosta;

Minn dan jidher, għalhekk, illi l-ftehim dwar il-bini u t-tiswija ta' l-ambjenti ta' barra tal-fond kien fis-sens imfisser mill-konvent. Skond dana l-ftehim, l-attur kellu jagħmel ir-rikostruzzjoni tal-parti esterna tal-fond skond il-pjanta l-ġdida u bil-flus li kienet ħarġet il-War Damage Commission għal dik il-parti, ċjoè £954. 10. 5. Għalhekk fil-ftehim kien hemm opra fissa u determinata għax-xogħol li kellu jagħmel l-attur, ċjoè r-rikostruzzjoni tal-parti esterna tal-fond fuq pjanta ġdida, u ġie miftiehem prezz fiss u invarjabili, ċjoè l-ammont li kienet ħarġet il-War Damage Commission. Għalhekk jikkonkorru dawk iż-żewġ elementi indispensabili li jikkostitwixxu l-figura ġuridika ta' appalt hekk imsejjaħ "a forfait", jew "per aversionem", in kontrappożizzjoni għall-appalt hekk imsejjaħ "a misura":

"Quando l'appalto è 'a forfait', cioè a prezzo complessivo aversionale, la caratteristica essenziale del contratto è la invariabilità del prezzo complessivo........ L'intenzione comune ad ambo le parti contraenti è quella di avere o dare rispettivamente quella data opera per quel dato prezzo. Il committente non può assolutamente, o non vuole, per quel dato lavoro spendere oltre quella data somma, e manifesta tale sua volontà all'appaltatore, che giusta i suoi calcoli accetta e stipula il prezzo fatto. Che l'opera venga poi a costare molto di più di quel determinato prezzo, o che venga a costare molto di meno, ciò non altera la posizione........... Per il pagamento nel contratto 'per aversionem', il lavoro si retribuisce nella sua entità complessiva, nel suo risultato completo, nè vi è più luogo a considerare in quanto tempo e con quanta somma di opere e lavori minuti siasi prodotto quel quantitativo complesso di lavoro utile finale, riguardato nel suo insieme, e che il cottomista si obbliga a dare finito per un de-

terminato prezzo" (Mario Valentino, Digesto Italiano, Vol. III, P. II, voce Appalto);

Issa, fil-każ in ispeċje ġara illi l-attur, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel ix-xogħol, irtira akkont tal-prezz komplessiv, kemm tax-xogħolijiet li għamel fil-parti interna, kemm ukoll tax-xogħolijiet li għamel fil-parti esterna, is-somma komplessiva ta' £1016........., u kien fadal favur is-sid bilanċ ta' £215. Għalhekk, wara li minn dak l-ammont ta' £1016 jiġi mnaqqas l-ammont ta' £276, li huwa l-prezz tat-tiewijiet tal-parti interna tal-fond, jiġi li l-attur, għax-xogħolijiet li għamel fil-parti ta' barra, irtira mill-War Damage Commission is-somma ta' £740;

Issa, billi l-ispejjeż tax-xogħolijiet kienu qegħedin jitilgħu aktar mill-ammont previst u miftiehem bejn il-partijiet, u billi l-attur kien qiegħed jippretendi illi l-ħlas ta' dawk ix-xogħolijiet kellu jsir bil-prezz fissat mit-tariffa tal-Gvern, il-konvenut irtira l-awtorizzazzjoni li kien ta lill-attur li jitħallas direttament mill-War Damage Commission. L-attur allura waqaf mix-xogħol, u issa qiegħed jippretendi li għandu jitħallas tax-xogħol li għamel bil-prezz fissat mit-tariffa tal-Gvern; u mill-banda l-oħra l-konvenut kompla x-xogħol huwa;

Minn dawn il-fatti jidher illi l-partijiet xoljew il-ftehim, ossija l-kuntratt ta' l-appalt li kien hemm bejniethom, taċitament. Infatti, ma jidherx illi hu l-każ ta' xoljiment ta' l-appalt previst taħt l-art. 1734; għaliex meta l-konvenut irtira l-awtorizzazzjoni tiegħu, ma rriżultax li b'hekk ried ixolji lill-attur mill-obligi tiegħu; mill-banda l-oħra, l-attur waqaf mix-xogħol, u l-konvenut aċċetta taċitament dana l-aġir tiegħu billi kompla x-xogħol hu mingħajr ma qabel talab ix-xoljiment tal-kuntratt. "Questo scioglimento per mutuo consenso può verificarsi anche tacitamente quando........ il committente non si opponga all'allontanamento dell'imprenditore dal lavoro; e più generalmente si verifica ogni qualvolta intervengono fatti tali da contenere implicitamente la prova di una reciproca e comune volontà di troncare d'accordo il contratto ed i lavori........... Avvenuta la risoluzione volontaria dell'appalto, essa ha *effetto*, però, *solo per l'avvenire*, ma *non pregiudica ai fatti antecedentemente compiuti*, nè ai diritti

antecedentemente acquistati'' (Volatino, ibidem, p. 222, para. 469-470);

Minn dana li ntqal, għalhekk, jinżel il-konsegwenza illi l-attur għandu dritt jitħallas għax-xogħolijiet li għamel fuq il-parti ta' barra tal-fond skond il-ftehim li kien hemm bejniethom, u ċjoè proporzjonalment għall-prezz miftiehem bejniethom;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fissens illi l-perit u arkitett ċivili biha nominat għandu jistma x-xogħlijiet magħmula mill-attur fuq il-parti esterna tal-fond tal-konvenut mhux fuq il-bażi u proporzjonatament għall-prezz komplessiv ta' £951. 10. 5. iżda fit-termini ta' l-iskrittura msemmija, ċjoè bil-prezz tal-Gvern, jew bi kwalunkwe mod ieħor li din il-Qorti jidhrilha ġust; bl-ispejjez taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-post imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni kellu xi ħsarat talgwerra, u għal dawk li kienu jirrigwardaw il-parti interna sar bejn il-kontendenti l-ftehim riżultanti mid-dokument fil-fol. 4 tal-proċess, u x-xogħol relativ sar b'soddisfazzjon ta' kulħadd, u l-attur tħallas. Fil-kors ta' dawk ix-xogħlijiet ġie konstatat li anki fil-parti esterna l-fond kellu ħsarat tal-gwerra, u talba għalihom ġiet imressqa quddiem il-War Damage Commission. Billi l-konvenut ried jagħmel xi alterazzjonijiet minn kif kien il-post originarjament qabel ma ġratlu l-ħsara, il-perit inkarikat max-''schedule of works'' bagħat ukoll pjanta indikanti l-alterazzjonijiet kontemplati (ara depożizzjoni ta' l-A.I.C. Giuseppe Rafalo, fol. 22) lill-War Damage Commission; u din, b'ittra tat-18 ta' Jannar 1952 (fol. 10a.), awtorizzat il-ħlas ta' £951. 10. 5 għall-imsemmijin xogħlijiet filparti esterna tal-fond. Il-kwistjoni bejn il-kontendenti tirrigwarda dawn l-aħħar xogħlijiet, fis-sens li l-konvenut jippretendi li l-ftehim ma' l-attur kien li dan kellu jagħmilhom bil-flus kif fuq awtorizzati mill-War Damage Commission, barra l-ispiża tat-taraġ li kellu jitla' fiok garigor, li kellu jħallasha l-istess konvenut. mentri l-appellant jippretendi li rigward dan

ix-xogħol ma kienx sar ebda ftehim. Fil-fatt l-imsemmi appellant, fix-xhieda tiegħu (fol. 40), qal li qabel beda x-xogħol huwa għarraf lill-konvenut li l-flus maħruġin mill-War Damage Commission ma kienux biżżejjed, u l-konvenut aċċetta li jħallas id-differenza;

Ikkunsidrat;

Illi miċ-ċirkustanzi kollha riżultati mill-kawża, u partikolarment minn dawk elenkati fis-sentenza appellata, din il-Qorti taqbel ma' dik ta' l-Ewwel Istanza, li l-versjoni talkonvenut hija iżjed aċċettabili minn dik ta' l-attur appellant;

ikkunsidrat;

Illi l-appellant, fil-petizzjoni u fit-trattazzjoni orali, sostna illi l-imsemmi ftehim, pretiż mill-konvenut u aċċettat mill-Ewwel Qorti, billi sar verbalment u mingħajr kitba, ma jistax jgħodd, għaliex jimplika ċessjoni ta' kreditu, li skond il-liġi għandha tirriżulta bil-miktub. Evidentement l-appellant irid jiddeduċi dik iċ-ċessjoni mill-fatt li, skond il-ftehim, huwa kellu jirtira l-flus mill-War Damage Commission li kienu ġew awtorizzati favur il-konvenut għall-eżekuzzjoni tax-xogħol fuq imsemmi. Anki dina l-pretensjoni ta' l-appellant mhix aċċettabli; għaliex, kif sewwa ġie rilevat fl-ittra tas-Segretarju tal-War Damage Commission fil-fol. 5 tal-proċess, l-awtorizzazzjoni lill-istess appellant biex jirtira direttament il-flus mill-War Damage Commission fuq imsemmija ma kienetx timporta ċessjoni jew trasferiment ta' krediti jew drittijiet, iżda sempliċi mandat, li skond il-liġi (art. 1959 (2)) jista' jingħata anki verbalment, u anki taċitament;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati, l-appell ma jimmeritax li jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attur appellant, u dawk ta' l-ewwel istanza jibqgħu riżervati għad-de-

ċiżjoni finali kif ordnat fis-sentenza appellata. U tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti biex tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża fuq id-domandi li għadhom ma ġewx provvduti.